

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10528/26

DELECT 98
PECHE 238

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |

| | |
|----------------|--|
| Nru dok. Cion: | C(2026) 3933 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.6.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport xjentifiku annwali u r-rapportar tal-qabdiet annwali totali, l-istandards tal-piżijiet tal-lett fl-Anness I, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-bastimenti fl-Anness V, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-osservaturi fl-Anness X, u r-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-portijiet fl-Annessi XI u XII |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3933 final.

Mehmuż: C(2026) 3933 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2026
C(2026) 3933 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.6.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport xjentifiku annwali u r-rapportar tal-qabdiet annwali totali, l-istandards tal-piżijiet tal-lejt fl-Anness I, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-bastimenti fl-Anness V, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-osservaturi fl-Anness X, u r-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-portijiet fl-Annessi XI u XII

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-iskop tar-Regolament Delegat huwa li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 sabiex jittrasponi l-emendi tal-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), adottati mill-SPRFMO fil-laqgħa annwali tagħha fl-2026.

Ir-Regolament Delegat huwa bbażat fuq il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO li ilhom vinkolanti għall-Unjoni u għall-Istati Membri mill-5 ta' Ġunju 2026. Dan ir-Regolament jittrasponi dawn il-miżuri fid-dritt tal-Unjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Ir-Regolament Delegat fih il-partijiet mill-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO li huma vinkolanti għall-Unjoni u għall-Istati Membri. L-Istati Membri ġew ikkonsultati qabel u waqt il-laqgħat annwali tal-SPRFMO li matulhom ġew adottati dawn il-partijiet mill-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO.

Ir-Regolament Delegat ġie ppreżentat lill-koleġiżlaturi għall-konsultazzjoni fil-livell tal-esperti, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹.

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 permezz ta':

- bidliet fil-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport xjentifiku annwali li jkopri s-sena preċedenti ta' rapportar, inkluż dwar is-sajd għas-sawrell taċ-Ċili (l-Artikolu 7(2)); u
- bidliet fil-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tad-data dwar il-qabdiet annwali totali tas-sena preċedenti (l-Artikolu 27(2)).

Barra minn hekk, l-emenda tallinja u tikkonsolida l-annessi tar-Regolament (UE) 2018/975 wara l-bidliet fil-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO, bħal pereżempju bidliet f'dawn li ġejjin:

- fl-istandards tal-piżijiet tal-lett fl-Anness I, kif imsemmi fl-Artikolu 9(4);
- fir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-bastimenti fl-Anness V, kif imsemmi fl-Artikolu 16(3), fl-Artikolu 17(1)(a), u fl-Artikolu 22(1);
- fir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-osservaturi fl-Anness X, kif imsemmi fl-Artikolu 28(1) u (2);
- fir-rekwiżiti fir-rigward tad-data fit-"Talba għal waqfa fil-port" fl-Anness XI, kif imsemmi fl-Artikolu 31(1); u
- fir-rekwiżiti fir-rigward tad-data fir-riżultati tas-sommarju tal-ispezzjoni tal-port fl-Anness XII, kif imsemmi fl-Artikolu 34(4) u (5).

¹ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.6.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport xjentifiku annwali u r-rapportar tal-qabdiet annwali totali, l-istandards tal-piżijiet tal-lett fl-Anness I, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-bastimenti fl-Anness V, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-osservaturi fl-Anness X, u r-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-portijiet fl-Annessi XI u XII

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jstabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) Żona tal-Konvenzjoni¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 43, il-punti (a), (b) u (f), tiegħu,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE², l-Unjoni ilha Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku, li stabbiliet l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku ("l-SPRFMO"), mis-26 ta' Lulju 2010.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll b'rabta mas-sajd għar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/838³ emenda r-Regolament (UE) 2018/975 b'miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-SPRFMO fil-laqgħat annwali tagħha bejn l-2018 u l-2024.
- (4) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2026, l-SPRFMO emendat il-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport xjentifiku annwali u r-rapportar tal-qabdiet annwali totali. L-SPRFMO biddlet ukoll l-istandards tal-piżijiet tal-lett, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-bastimenti, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-osservaturi, u r-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-portijiet.

¹ ĠU L 179, 16.7.2018, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/975/oj>.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1, ELI: [https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2012/130\(1\)/oj](https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2012/130(1)/oj)).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/838 tad-19 ta' Frar 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar tad-data għas-sajd tas-sawrell, tal-ħsara teknika fl-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita, tar-rekwiżiti tad-data dwar il-bastimenti fl-Anness V, tar-rekwiżiti tad-data dwar it-trażbord fl-Annessi VII, VIII u IX, u tar-rekwiżiti tad-data dwar il-portijiet fl-Annessi XI u XII (ĠU L, 2025/838, 2.5.2025, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/del/2025/838/oj>).

- (5) Jenħtieġ li dawk l-emendi jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/975 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2018/975 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 7(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena, ir-rapport xjentifiku annwali li jkopri s-sena preċedenti, inkluż kemm jista' jkun data tal-osservaturi. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Ġunju.”;

- (2) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-piż ħaj tal-ispeċijiet/gruppi ta' speċijiet kollha maqbuda matul is-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Ġunju. F'każijiet eċċezzjonali, u fl-ebda ċirkostanza oħra ħlief meta tiġi ppreżentata notifika bil-miktub lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ġunju li tispjega l-ħtieġa għal estensjoni, l-Istat Membru jista' jikseb estensjoni biex jissottometti d-data proviżorja sat-30 ta' Ġunju u d-data finali malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-ispegazzjoni u d-data proviżorja lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Ġunju u d-data finali sat-30 ta' Settembru.”;

- (3) L-Annessi I, V, X, XI, u XII huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.6.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN